

# il-hajja ta' kristu gesu'

**GESU' U L-MARA ADULTERA**

**GIOVANNI 8**

L-Iskribi u l-Farizej dejjem kienu qed ifittxu kif ser jonsbu lil Gesu' u jsibu opportunita' biex jaqbduh fi zball u jakkuzawh. Gesu' kien qieghed fit-tempju u l-ghedewwa tieghu gabuhulu mara hazina li l-ligi ta' Mose kienet tikkundannaha ghall-mewt.

Marru dritt fuq Gesu' u qalulu: "Ara mghallem qbadna lil din il-mara hazina u Mose' jghidilna li mara hazina bhal din ghandha tkun imhaggra sa ma tmut. Inti x'tghidilna?"

Gesu' kien jaf li huma gew quddiemu biex bil-mistoqsija taghhom jittantawh u jippruvaw jaqbduh f'xi zball. Gesu' tbaxxa u beda' jikteb fit-trab ta' l-art. Meta raw hekk l-ghedewwa ta' Gesu' hasbu li gabuh f'rokna li minnha ma setghax johrog, ghalhekk komplew jissikkawh bil-mistoqsijiet taghhom.



Imbaghad Gesu' dar lejhom u qalilhom li min ma ghandux dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla.

U raġa' tbaxxa jikteb fit-trab. Kif semgħuh jgħid dan, qabdu u telqu wieħed wara l-ieħor, ibda mix-xjuħ, u Ġesù baqa' waħdu mal-mara, wieqfa fin-nofs.

Qam dritt u qalilha: "Dawk fejnhom, mara? Ħadd minnhom ma kkundannak?"

"Ħadd, Sinjur," qaltlu.

"Mela anqas jien ma nikkundannak," qalilha Ġesù. "Mur, u mil-llum 'il quddiem tidnibx iżjed."

RIFLESSJONI:

Gesu’ qalbu tajba u hanina ma’ kulhadd anke ma’ dawk li jghixu boghod minnu ghax jghixu fid-dnub. Kull ma jitlob Gesu’ biex wiehed ikun habib tieghu hu li jahrab id-dnub ghax id-dnub u Gesu’ qatt ma jistghu jkunu hdejn xulxin.
Lest li taghmel hekk inti biex tkun habib Tieghu.? Li jkollok lil Gesu’ bhala habib ifisser li ghandek l-akbar habib li ma hu ser jittradik qatt.